**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 16 ta' Mejju, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**-vs-**

**Godwin Grech, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 356758(M)**

*Kumpilazzjoni Nru. 46/2017*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Godwin Grech u ċioè talli:

> Bhala ufficcjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, f'dawn il-Gzejjer, bejn ix-xhur ta' Jannar 2016 sal-lum, b`diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda:
>
> 1. In konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, ghamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti

jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu jew seraqhom;

2. Approprija ruhhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn ħamest elef euro (€5000) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta;

U b'hekk sar ħati ta' reat ieħor li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tal-5 ta' Gunju, 2017,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikoli 18 u 127(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 17, 18, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:
Illi l-**Ispettur Doriette Cuschieri** tat rendikont tal-investigazzjonijiet maghmula mill-Pulizija Ezekuttiva u spjegat kif kien sar rapport mill-Internal Affairs Unit fuq l-imputat, PS 166, li kien inkarigat mill-mess u l-canteen tad-Depot tal-Pulizija kif ukoll dak f'Ta' Kandja. PS166 kellu obbligu li jghaddi flejjes migbura lis-Surgent Vella PS731 pero dan baqa' qatt ma rcevihom. PS166 ingieb gewwa l-Economic Crimes Unit fejn taha

[1] Fol.74

flejjes fil-presenza tas-Surgent Vella u tas-Supretendent Abdilla u qal li dawk kienu l'unika flus li kien ghad fadallu ghandu u li kien ghadu m'ghaddihomx. Dan l-ammont kien ta' 4687.79 Euro u l-bilanc kien ta' 37, 172.79 Euro[2]. Interrogat l-imputat qal *"li ghal dawn l-ahhar sitt xhur jew sebgha xhur tal-2016 il-flus li kien dahhal fuq ix-xoghol li kien jaghmel li kien inkarigat, ma kienx ghaddihom lis-Surgent Vella kif suppost. Mistoqsi ghaliex kien ghamel dan kien qalilna li kellu vizzju, il-vizzju tal-loghob, u kien tilef l-account ta' kemm flus kien qed izomm ghandu. L-ammont meta saqsejtu ghall-ammont li kien ta' 37,000 kien qalli li jekk taghmel dak li jidhol normalment kull xhar, meta taghmel ta' dawn l-ahhar sitta jew sebgha xhur l-ammont jigi ta' madwar 37,000. ......... Waqt l-istatement li ttehidluDok. DC a fol.12 et seq., ... is-Surgent ghazel li ma jwegibx ghal hafna mid-domandi li kienu qalulu. Fejn gie mistoqsi jekk l-ammonti jafx bihom, il-flus ghalfejn m'ghaddihomx, hafna mill-mistoqsijiet qalilna li jew ma jwegibx jew ma jiftakarx. Sussegwentement fl-10 ta' Jannar 2017 kien gie gewwa d-Depo tal-pulizija t-tifel tieghu Christian Grech fejn hemmhekk ghadda l-pagament ta' 37,137 Euro lis-Surgent Keith Vella. Dawn kienu maghmulin parti minnhom b'cheque ta' 37,000 u l-kumplament b'cash..... L-ammont kollu kien 37,137 Euro li gew imhallsa kollha mit-tifel tieghu Christian Grech. Nixtieq nghid li t-tifel tieghu ma kellu ebda' dejn mall-pulizija dan hallashom ghan-nom ta' missieru".*[3] L-ispettur prezentat is-Service and Leave Record Form tal-imputat.[4]

Illi d-**Deputat Kummissarju Dr. Mario Spiteri** xehed li l-imputat dahal fil-Korp tal-Pulizija fit 12 ta' April, 1986, fil-grad ta' kuntistabbli. Irrizenja fis 27 ta' Ottubru, 1990, u rega' dahal fil-Korp fl-24 ta' Awwissu, 1998. Fit-8 ta' Frar, 2017, gie temporarjament sospiz minhabba dawn il-proceduri, biex gie *boarded out* mill-Korp tal-Pulizija b' effett mis-6 ta' Marzu, 2017.[5]

Illi **PS731 Keith Vella** spjega kif sa mill-1 ta' Jannar, 2016, gie inakrigat jiehu hsieb l-accounts tal-ORC, Other Ranks Canteen. *"Il-kont tal-canteen biex niftehmu l-bejgh tal-ikel mill-canteen, il-flus li nqalghu minn hemmhekk. Mela bazikament il-canteen kien jiehu hsiebu s-Surgent 116 Godwin Grech u jiena kull ma kont inkarigat biex inzomm rendikont tas-suppliers ovvjament biex jithallsu u ta' x'jidhol u johrog mill-canteen bhala flus biss, jigifieri ma kontx involut fid-day to day running tal-canteen. .... is-Surgent Godwin kien*

[2] Fol.9
[3] Fol.10
[4] Fol.111
[5] Fol.106

*itini l-ammonti tal-cash sales...... wara kont niftiehem mieghu biex immur u nigbor il-flus biex niftahom fil-kont tal-Bank. Ta' dan kienet tinhareg kull darba rcevuta. Issa fl-ahhar tas-sena bhala cash sales, jigifieri flus li kienu jingabru fizikament, giet ikkalkulata li kienet 69, 644.96. .... 2016 minn Jannar sa Dicembru 2016. Issa u bazikament fl-2016 huwa taghni tliet deposits, wiehed minnhom kien ta' 8127.45, l-iehor kien ta' 9550 u l-iehor kien ta' 9832.75. ...... hemm differenza kbira. Jiena kull certu zmien kont nibghat lis-Surgent Godwin biex itini dawn l-ammonti ta' flus, dejjem jew, mhux dejjem b'xi problema imma ma kienx itihomli jew naqbzuha ghax ghadni m'ghoddejthomx jew ghax irid nitla' Ta' Gandja. .... U fl-ahhar tas-sena gejna b'differenza ta' bejn wiehed u iehor ftit inqas minn 40,000. Qed nghid 40,000 ghax imbaghad fid-9 ta' Jannar jien kont infurmat li kien tefgha kaxxa b'certu ammont ta' flus fil-Quarter Master. ....... u jiena fil-presenza tal-imputat u kemm tal-Ispettur Jesmond Borg u tas-Supretendent Ian Abdilla ghoddejna l-ammont li kien fid-9 ta' Jannar 4687.79...... Issa sad-9 ta' Jannar kont kellimt lil Godwin ghadtx fadallu xi flus ohra apparti dak li kien taghna dawk il-4000, u qalilna li kien fadal xi 1050 ghand min jiehu hsieb il-canteen Ta' Gandja ghax kien qieghed bis-sick. Dik giet mehuda in consideration il-1050 u jekk nghoddu d-deposits li taghni hu direttament hu u l-1050 id-differenza hija ta' 37,172.97..... Christian Grech kien ghaddielna cheque fit-10 ta' Jannar filghodu ta', kien ipprezentalna bank draft mill-BOV ta' 37,000 u l-173 l-ohra minus it-3 cents kien ghaddihomlna f'forma ta' cash."*[6]

Illi xehed is-**Supt. Ian Abdilla** dwar l-investigazzjonijiet kondotti mill-Iskwadra tieghu. Wara li gie mgharraf minn PS Vella li l-imputat kien ilu ma jghaddi flus tal-canteen kif obbligat, fejn gie kalkolat ammont dovut ta' madwar €40,000 fuq sitt xhur, hu gharraf b'dan lis-superjuri tieghu. *"Jiena naf li at one point is-Surgent Godwin inghata zmien biex igib dawn il-flus. Jiena ukoll personalment fl-interim period kont rajtu u kont ghidtlu isma' hu hsieb u sussegwentement jiena kont infurmat li fis-6 ta' Jannar kien il-Gimgha is-Surgent Godwin kien iddepozita mal-Quarter Masters Stores taghna kaxxa li kien iddikjara li kien fiha flus tal-Canteen.".*[7] Kif raw li l-flus fiha ma kienux bizzejjed, staqsa lill-imputat dwar dan. *"Lil Godwin kont kellimtu, qalli ma nafx kif spiccajt f din is-sitwazzjoni. Qalli l-loghob kielni. Qalli kont qed inqatta' hafna hin nilghab.".*[8] L-ghada iben l-imputat, irrifonda madwar €36,000 li hallashom minn 'savings account' tieghu personali.[9]

[6] Fol.16-18
[7] Fol.50-51
[8] Fol.52
[9] Fol.53

**PC427 Chris Hili,**[10] **PC701 Jonathan Saliba,**[11] **PC1570 Jeremy Micallef**[12] u **Edmond Grech**[13]li hadmu fil-canteen taht l-imputat, lkoll xehdu kif l-ikel tal-canteen kien jinbiegh ghal €2. Il-flus kienu jingabbru u jigi mghoddija lill-imputat u kienet tinghatalhom ricevuta. **PC257 Carmelo Saliba**, inkarigat mill-kcina tal-ORC, xehed kif *"dik il-habta li kont jien cash registrer ma kellniex hemm fuq ahna, konna nimlew il-karti, jingabru s-sales u fl-ahhar tax-xhar jinghalaq ix-xhar u jitla' s-Surgent ikollna l-ammont tal-flus, intuh il-flus u jinghatawli l-ircevuti."*[14] Ghandu kien ghad fadallu madwar €1010 minn attivitajiet relatati mal-Milied li ma kienx lahaq ghaddihom lill-imputat ghax kien fuq sick leave.[15] **PC1459 Mark Buttigieg**, kok f'Ta' Kandja, spjega kif fiz-zmien li sehhew il-fatti addebitati lill-imputat *"Jigu jixtru n-nies, inzommulhom tal-ikel....Two euros dak iz-zmien....rcevuti dak iz-zmien ma kellniex. Ma kellniex VAT jew hekk.... Fl-ahhar tal-gurnata konna nghoddu kollox. Naraw x'hrigna sales, naghmluhom go envelope, umbghad fl-ahhar tax-xahar jew kien jigi s-surgent u konna ntuh il-flus u kien itina l-ircevuta."* [16] **RPC3054 John Abela** jikkorobora dan u jzid li illum il-gurnata iddahhlu cash registers u tinghata ricevuta fiskali lill-klijenti tal-canteen.[17]

Fid-dawl ta' dawn il-fatti mhemmx dubbju li kif tajjeb sostniet l-abbli difiza, il-fattispecie ta' dan il-kaz jinkwadrwa fir-reat ta' storn, l-ewwel imputazzjoni, u mhux f'dak ta' approprijazzjoni indebita, it-tieni imputazzjoni li nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel wahda. Ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Illi l-element essenzjali ghal dan ir-reat ta' storn ('peculato' jew embezzlement) hu li l-awtur irid ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku li jabbuza mill-haga stornata li tkun giet fdata lilu minhabba dak l-impjieg.

---

[10] Fol.55,
[11] Fol.58
[12] Fol.86
[13] Fol.61
[14] Fol.80
[15] Fol.83
[16] Fol.90 -91
[17] Fol.94

Issir riferenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Carmel Saliba** deciz nhar il-31 ta' Mejju, 2012,[18], fejn il-Qorti rriteniet:

> "Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 127, il-Qorti ser tapplika l-istess argumentazzjoni. Hawnhekk id-dolo mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif ighid il-Professur Mamo: "Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain." Huwa jikkwota dak li ighid l-Imhallef Harding: **"Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."**

Kif ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alexander Zammit et**.:[19]

> *"Wiehed mill-elementi tar-reat ta` storn [Art. 127 - Kodici Kriminali] huwa li l-oggetti in kwistjoni jkunu gew fdati lill-individwu minhabba il-kariga jew impieg tieghu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament ta` l-oggetti, jew inkella jkun hemm it-tehid taghhom "invito domino" li hu element tas-serq. Wiehed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-iehor relativament ghall-istess fatt."*

Fis-sentenza **Il-Maesta tar-Re vs Guzeppi Fenech et**, kaz fejn il-Qorti Kriminali ghamlet ezami *funditus* dwar meta tista' tirrizulta komplicita` fl-istess reat, iddikjarat:[20]

> Illi gie deciz min din l-Qorti, kompsota minn tlett Imhallfin, fil-kawza **"Rex vs Brincat"**deciza fis-6 ta' April, 1943, illi d-delitt ta' storn kontemplat fl-artikolu 125 tal-Kap.12......huwa specjali ghall-ufficjal jew impjegat publiku; u persuna li ma jkollhiex dik il-kwalita` anke jekk tghin lill-uffijal publiku, ma tistax tigi akkuzata ta' komplicita` taht dik id-disposizzjoni, ghaliex ikun qieghed jonqos element essenzjali ghal dik id-disposizzjoni, u cjoe il-kwalita` ta' ufficjal jew impejgat pubbliku li jkollu taht idejh il-haga stornata in forza ta' dak l-ufficju tieghu.....
>
> Illi fil-kaz **"Rex vs Victor Fava"** deciz ukoll minn din l-qorti kollegjalment komposta fis-6 ta' Lulju 1943, gie mantenut l-istess principju. U gie spjegat li f'kaz ta' reati simil, il-kwalita` ta' ufficjal pubbliku (u kwindi l-fatt li l-haga tkun fdata lilu minhabb l-karika tieghu) ma ghandhiex bhala bazi l-facilitazzjoni ta' l-ezekuzzjoni tar-reat, imma l-vjolazzjoni ta' dover specjali inkombenti lill-ufficjal pubbliku (li jkollu l-haga fdata lilu) u ghalhekk bhala cirkustanza esklusivament personali ma hijiex kommunikabli.

---

[18] Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Ghawdex), Onor. Magistrat Dr Edwina Grima

[19] Deciza 13.03.1998, App. Krim.

[20] Deciza 16.06.1950 per S.T.O. Sir George Borg, Onor. Dr A.J. Montanaro Gauci, Onor. Dr. W. Harding. Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol.XXXIVC.iv. fol.930

Illi l-principju ta' non-kommunikabilita`, minhabba li si tratta mhux ta' kwistjoni ta' facilitazzjoni, imma ta' vjolazzjoni ta' dover specjali, propunjat f'dawn is-sentenzi huwa accettat mill-Pessina….. Masucci (Dig. It. voce "Partecipazine", n.155).

Dan l-awtur tal-ahhar precizament jghid illi d-delitt f'kaz simili, jidderiva "dalla violazione di uno special dovere incombente ad una determinate persona; neppure puo essere estesa agli altri condeliquenti perche` non sarebbe giusto che risentisce i danni della violazione di un dovere speciale anche chi a questo dovere non era sottoposto". U ghandu jigi nutat li persuna tigi sottoposta ghal dak id-dover mhux biss ghax tkun ufficjal publiku imma ghax il-haga tkun giet fdata lilha minhabba l-karika; u ghalhekk **mhux bizzejjed li tkun ufficjal publiku biss, minghajr ma jkun hemm l-affidament tal-haga.** Ikompli jghid gustament il-Masucci illi "se l'aggravante forse anche a lui communicabile, si avrebbe questa inammissibile conseguenza che si risponderebbe come complice di un'aggravante nella quale non si sarebbe potato concorrere, se il colpevole, invece di limitarsi alla parte di complice, avesse scelto quella di esecutore del reato". U precizamnet dan huwa l-aqwa argument. Infatti diversament, kieku ma tigix segwita din it-teorija, jista jkun hemm dan l-assurd;

……..Il-kwalita` ta' ufficjal pubbliku serviet ta' facilitazzjoni ghar-reat, imma b'dan kollu ma tistax tikkomunika ruhha lill-komplici, ghaliex ic-cirkustanza ta' ufficjal publiku, akkopjata ghall-affidament tal-haga stornata minhabba l-kariga, hija mhux aggravanti, imma element tar-reat specjali; u l-komplici, li, ankorke` hu ufficjal publiku, ma kellux pero` l-haga fdata lilu, ma setax jikkometti dak it-titolu ta' reat ghalkemm seta' ikkometta titolu ta' reat iehor. Fl-ewwel kaz hemm it-titolu ta' serq (reat komuni) pju` l-aggravanti, kommunikabbli ghax serviet ta' aggravanti; fit-tieni kaz hemm titolu specjali ta' reat, biss dik ic-cirkustanza (ufficjal publiku pju l-affidament tal-haga minhabba l-karika) ma hijiex aggravanti, imma element kostituttiv tar-reat stess, u dak li fih ma tirrikorrix dik ic-cirkustanza ma jistax jikkometti, mhux l-aggravanti, imma ma jistax jikkometti t-titolu stess ta' dak ir-reat specjali.

…Illi minn ezami tal-att tal-kawza…jirrizulta li f'dan il-kaz il-haga allegata stornata kienet taht idejn akkuzat wiehed biss, in forza tal-ufficju tieghu, cjoe` ta' Guzeppi Fenech. Iz-zewg ko-akkuzati l-ohra huma, jew kienu, ukoll impjegati pubblici, sija pure fl-istess dipartiment, imma l-haga stornata ma kienitx fdata lilhom in forza tal-impjieg taghhom….

Illi ghalhekk la darba tonqos dik i-cirkustanza, ma hemmx lok ghall-komplicita` - salva konsiderazzjoni diversa ta' l-allegat ghemil taghhom, anki in bazi ghall-kwalita` taghhom ta' impjegati publici, kif allegat mill-prosekuzzjoni. [emfazi u sottolinejar tal-Qorti]

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Frank Farrugia**:[21]

L-istorn jipprospetta dawn l-elementi. Li wieħed ikun
(a) impjegat pubbliku u
(b) li għamel użu ħażin minn ħwejjeġ mobbli fdati lilu
(ċ) li kienu fdati lilu minħabba l-kariga tiegħu
(d) għall-vantaġġ privat tiegħu.

[21] Deciza 24.01.2011 Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Dr. Lawrence Quintano; Appell Numru 172/2010

> Fil-fehma tal-Qorti kienu ppruvati l-erba' elementi. L-impjegat kien altru milli responsabbli tal-proviżjonijiet u dawn ddispona minn xi wħud minnhom sabiex ikun jista' jdaħħal xi ħaġa fil-but hu.

Dik l-istess Qorti imbghad kompliet:

L-Avukat Ġenerali bagħat ukoll l-artikolu 141. Skond l-istess sentenza ppreżentata mid-difiża:

'Mill-banda l-oħra r-raison d'etre tal-aggravju skond l-artikolu 141 tal-Kap 9 hija li l-kariga tal-individwu bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku tkun timponilu d-dmir li jissorvelja biex ir-reat li jikkommetti hu nnifsu ma jsirx. (F'dak il-każ l-imputati kienu gwardjani tad-dwana u kuntistabbli u kellhom jissorveljaw biex ma jiġix kommess is-serq li wettqu huma). Huwa ormai stabbilit filġurisprudenza li l-artikolu 141 msemmi huwa aplikabli għar-reati kollha 'barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali pubbliċi.'

Fil-każ odjern l-artikolu 127 jispeċifika x'inhuma l-pieni. Barra dan, waqt li l-appellat kellu f'idejh il-proviżżjonijiet iżda huwa ma kellux il-kariga li ma jħallix ir-reat isir. (Ara b'kuntrast il-fatti tal-każ ċitat).

Għalhekk il-Qorti mhix qed tara raġuni għala għandha tapplika l-gravanti tal-artikolu 141.[22]

Illi mhemmx dubbju li l-akkuzi gew intavolati nhar is-27 ta' Jannar, 2017, u ghalhekk madwar hmistax il-jum wara li kienet saret rifuzjoni tal-ammont kollu dovut. Kien ghalhekk li l-abbli difiza ssottomettiet li jsib applikazzjoni l-artikolu 337(1) tal-Kodici Kriminali u dan peress li skond hi *"propju ghaliex dan ir-reat jinsab taht it-titolu fuq il-frodi"*. Dak l-artikolu 337 jipprovdi li-

**337.** (1) Fil-każ ta' frodi, il-piena stabbilita titnaqqas bi grad jew b'żewġ gradi, kemm-il darba l-ħati, qabel ma tibda titmexxa xi proċedura kriminali kontra tiegħu, jrodd għal kollox il-ħsara kkaġunata bir-reat.
(2) Fil-każ ta' serq, sew jekk sempliċi sew ikkwalifikat, kif ukoll reat ta' ħsara volontarja lil proprjetà li jsir filwaqt li jkun qed isir ir-reat ta' serq, il-piena stabbilita titnaqqas b'żewġ gradi kemm-il darba, qabel ma jitressaq quddiem il-qorti f'konnessjoni ma' dak is-serq: …..

Din il-Qorti ma taqbilx li dan jirrifletti l-posizzjoni legali korretta. Ir-reat ta' storn ravvizat bl-artikolu 127 jinsab taht is-Sub-Titolu IV intitolat 'Fuq l-Abbuż tal-Awtorità Pubblika' fit-Titolu III 'Fuq id-Delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u Amministrazzjonijiet Pubbliċi oħra', filwaqt li s-Sub-Titolu III 'Fuq il-Frodi' jinsab taht it-Titolu IX 'Fuq id-Delitti kontra l-Proprjetà u kontra s-Sigurtà Pubblika'.[23] Ghalhekk ir-reat ta' storn ma jinkwadrax fis-sub-titolu dwar il-frodi kif tikkontendi d-difiza.

[22] Ibid.
[23] Artikoli 261-337H.

Illi certament kienet issib applikazzjoni d-disposizzjoni appena citata, l-artikolu 337(1), kieku l-imputat nstab hati tat-tieni imputazzjoni izda kif inghad l-agir tieghu jinkwadra perfettament fir-reat ta' storn u mhux fir-reat ravvizat bl-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, li definittivament jaqa' that is-sub-titolu tal-frodi.

Fil-fatt mill-Parliamentary Debates fuq il-klawzola 63 tal-***Abozz Nru.28 tal-2001***, li permezz taghha gie emendat l-artikolu 337 tal-Kodici Kriminali, jirrizulta biss li l-legizlatur kkoncentra biss fuq frodi u serq semplici u kwalifikat. [24] Hawnhekk japplika d-dettam legali semplici u car – il-ligi hi dik li hi u trid tigi segwita *ubi lex voluit dixit*!

Ghaldaqstant galadarba l-agir tal-imputat jammonta ghal storn, l-imputat ma jistax jibbenefika minn dak it-tnaqqis fil-piena li jipprovdi ghalih l-artikolu 337 tal-Kodici Kriminali. Bla dubbju, il-fatt li l-ammont dovut lill-Korp gie restitwit fl-intjier tieghu sa minn qabel ma gew istittwiti l-proceduri penali fil-konfront tieghu, huwa konsiderazzjoni li din il-Qorti ser tiehu meta tigi biex tikkalibra l-piena.

Dwar il-piena erogabbli l-Qorti qiset ukoll il-gravita` tar-reat li qed tinstab htija dwaru, tal-fedina penali netta tieghu, tas-servizz impekkabbli tal-imputat u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz *inter alia* li jirrizulta li wasal biex iwettaq dan ir-reat u jittradixxi l-fiducja imposta

---

[24] **KUMITAT PERMANENTI GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI : Laqgħa Nru. 107 ; L-Erbgħa, 31 ta' Ottubru, 2001**

***Clause 63*** **-** *Substitution of article 337 of the principal law.*

**THE CHAIRMAN:** Il-Ministru.

**ONOR. AUSTIN GATT:** Sur President, il-konċett ta' tnaqqis fil-piena f'każ li l-ħsara li saret tissewwa diġa` teżisti f'dak li għandu x'jaqsam ma' serq u frodi.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Fuq liema kriterji hawnhekk qed ngħidu li fil-każ ta' serq sempliċi jew kwalifikat, il-piena stabbilita tista' titnaqqas bi grad jew b'żewġ gradi qabel ma tkun għadha bdiet titmexxa xi proċedura kriminali kontrih?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Naħseb li subartiklu (3) t'artiklu 337 kif propost fi klawsola 63 qed jagħtik ir-risposta għal dak li qed tistaqsi.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Għandek raġun.

**THE CHAIRMAN:** Iktar rimarki, jekk jogħġobkom? (Onor. Membri: *No*) Il-mistoqsija hi klawsola 63. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 63 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-abbozz ta' liġi.*

fih mill-Korp minhabba li nhakem mill-vizzju tal-loghob bla razan; vizzju mishut li tant qed jirrendi familji f'mizerja jekk mhux anke jitfaghhom fl-abiss tal-poverta`.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 18, 31 u 127 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ssib l-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett snin millum.

In oltre' a tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn sabiex jinghata l-ghajnuna kollha necessarja, inkluz dik psikologika jekk hekk mehtieg, sabiex jeghleb il-vizzju tal-loghob.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix l-ordni ta' trattament.

Finalment il-Qorti, wara li rat l-artikolu 127(1) tal- Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna ukoll fil-konfront ta' l-imputat l-**interdizzjoni generali perpetwa** u ghal dan il-ghan u ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta,

Tordna li s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat ukoll lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**